Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2216

9.9.2024

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2216

**tas-6 ta' Settembru 2024**

**li jikkoreġi u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248 li jispeċifika d-dettalji tal-interfaċċa elettronika bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni għas-sorveljanza tas-suq, u d-*data* li għandha tiġi trażmessa permezz ta' dik l-interfaċċa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(8) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi interfaċċa elettronika ("l-interfaċċa") bejn is-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq ("ICSMS", Information and Communication System on Market Surveillance) u s-sistemi doganali nazzjonali u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni f'dan ir-rigward.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2248 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-iżvilupp tal-interfaċċa, inkluż ir-rekwiżiti fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali u l-kunfidenzjalità tad-*data* li trid tiġi trażmessa permezz tal-interfaċċa.

(3) F'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2022, l-ICSMS għandha tkun konnessa mas-Sistema ta' Tieqa Unika Doganali għall-Iskambju taċ-Ċertifikati tal-Unjoni Ewropea ("CSW-CERTEX tal-UE") li għalhekk issir l-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 34(7) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

(4) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 jistabbilixxi sett uniku ta' regoli, inklużi r-regoli dwar il-kunfidenzjalità tad-*data* u dwar l-ipproċessar tad-*data* personali, li għandu japplika għas-CSW-CERTEX tal-UE meta jippermetti l-iskambju tad-*data* bejn is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness ta' dak ir-Regolament u l-ambjenti ta' tieqa unika nazzjonali għad-dwana. Għalhekk, ir-regoli dwar l-istess suġġett li jinsabu fl-Artikoli 4, 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248 saru superfluwi u jenħtieġ li jitħassru.

(5) Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li t-titolu tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248 jirreferi għall-att ewlieni li skontu ġie adottat dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248 jiġi kkoreġut u emendat kif xieraq.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2019/1020,

([1]) ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1020/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2248 tas-16 ta' Diċembru 2021 li jispeċifika d-dettalji tal-interfaċċa elettronika bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni għas-sorveljanza tas-suq, u d-*data* li għandha tiġi trażmessa permezz ta' dik l-interfaċċa (ĠU L 453, 17.12.2021, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2248/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Korrezzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248**

It-titolu tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2248 tas-16 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dettalji tal-interfaċċa elettronika bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni għas-sorveljanza tas-suq, u tad-*data* li għandha tiġi trażmessa permezz ta' dik l-interfaċċa".

*Artikolu 2*

**Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2248 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) "interfaċċa" tfisser l-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 34(7) tar-Regolament (UE) 2019/1020, stabbilita skont is-Sistema ta' Tieqa Unika Doganali għall-Iskambju taċ-Ċertifikati tal-Unjoni Ewropea (CSW-CERTEX tal-UE) prevista mir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 202223 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj).";

(2) L-Artikoli 4, 5 u 6 jitħassru.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN